# Lehen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

The Royal University

**L-Ewwel Sena** **Lulju 1931** **No. 5**

Stampât fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

DIRETTURI: ROS. BRIFFA, B.SC. U ĠUŻÈ BONNICI, B.SC.

LULJU 1931 ] L-EWWEL SENA [ Nru 5


## ANTOLOĠIJA

Kemm-il-wieħed minnkom ma ħassx xi darba x-xewqa li jkollu f'idejh ġabra ta' l-aħjar poeżiji bil-malti. Għandkom raġun biex tbigħu. Tkun tassew ħaġa sabiħa kieku wieħed jista' jaqra waħda wara l-oħra l-isbaħ għana ta' lsien malti. Bosta minn dawn jinsabu hekk imxerrda li trid il-jiem sħaħ biex issibhom, jekk issibhom. Xi wħud mitlufa fil-bogħod tas-snin, oħrajn f'xi ġurnal li l-lum ismu intesa, il-bqija f'kotba li ma ssib tixtrihom imkien.

Jinħtieġ li wieħed jagħmel nifsu u jsensel f'ħannieqa waħda dal-ħaġar mitluf u miegħu jżid ħaġar ieħor ġdid ta' għaxqa u ta' żina.

Mhux xogħol li jsir malajr u anqas kif ġie ġie. Biex isir tinħtieġ reqqa kbira u għaqal mhux żgħir.

L-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" kienet talbet biex ħaġa bħal din jeħodha f'idejh il-Gvern. Kieku dan isejjaħ l-aħjar kittieba tagħna ħalli jagħmlu dan ix-xogħol u mbagħad bi flusu—ħaġa żgħira ħdejn il-kbar—jistampah, tkun ħaġa ta' fejda u ta' ġieħ.

Imma!

Għadda ż-żmien u l-Gvern ma għamel xejn. Mhux ta' min iħalli kollox jisfa fix-xejn u għalhekk aħna l-Edituri ta' "Leħen il-Malti" irridu natuha ftit ħajja. Beħsiebna nagħmlu ħilitna kollha. Xi ħaġa tal-flus qegħdin naqalgħu. Dan il-flus imur għal-Antoloġija. Togħġobkom?

Għalhekk hemm bżonn il-għjnuna tagħkom. Xerrdu dan "Leħen il-Malti" iktar u qallgħuna xi sold. B'hekk tkunu qe'd tgħinu ħalli ssir l-Antoloġija hekk mixtieqa u miħtieġa.

# "CANTI POPOLARI MALTESI"

*(Taħt dan l-isem, dehret kitba mtll-isbaħ fir-rivista taljana* "Lares", *tax xahar ta' Ottubru 1930, dwar il-għana malti, miktuba mill-ex-studentessa* Maria Elena Borg, *illum Sinjura* Calabritto. *Fil-waqt li nifirħulha għal kif għarfet tinseġ il-kitba tagħha, nixtiequ nħajruha tkompli tikteb fuq ilsienna, għax qatt m'hu żmien moħli.*

*Din il-kitba tant għoġbitna li sejrin inġibuha fir-Rivista tagħna, maqluba għall-malti minn* Ġużè Bonnici.*)*

Xi minn daqqiet huma għana ġerrejja li jiġu waħda wara l-oħra ħfief u ferħana. Xi minn daqqiet huma tawwala, kollhom imħabba, ta' swied il-qalb, li jinħallu u jitwalu f'telqa mill-iżjed ħelwa, mill-iżjed imdejqa.

Ngħannu. Huma sturnelli ta' mħabba u ta' mibgħeda sħan u niggieza; huma ġrajjiet twal ta' qlubija u ta' ħniena. Igħannu jgħarxu b'subgħajhom felħana l-kitarra fil-waqt li jiġġerrew mat-triqat taħt il-qamar jew taħt is-sema sewdini mimli kwiekeb, b'qatta ċkejkna ta' nies warajhom li tisma bis-skiet u b'rogħda fuqha.

Pia dei Tolomei, Genoveffa, l-Għarusa tal-Mosta, Toni Bajada, Paulu Xara, Mattew Callus, Giammarija Cassia, Giacomin Ciantar, Ġorġ il-Bdott, Marija bint is-sajjed Malti, u nies oħra ta' ġrajjietna jew tal-ħrejjef jerġgħu jqumu u jgħannu fil-fantasja tal-kotra.

Jiġġerrew mat-triqat ma' l-itwal biċċa tal-lejl bla ma jiftakru fix-xogħol li għamlu, bla ma' jiftakru fix-xogħol li jistennihom l-għada dawn l-ulied godlija ta' Malta. Dan huwa mistriħ. Mistriħ sieket li jatu l-lejl ċar u l-musika.

L-hemm isfel tinfetaħ tieqa, bil-mod, kollha mbeżża, bi tlellix qarrieqi taż-żġieġ. Il-kotra tieqaf, wieħed minna jersaq il-quddiem.

—Ton, ħallini ngħanni ftit jiena.

U jġenneb il-berritta biex iqawwi qalbu u jgħanni.

Wiċċ ta' warda, ser insejjaħlek
Wiċċ ta' qronfla, irrispondini.
Jiena naf li inti tħobbni
Allavolja ma' tridx turini.

Mbagħad jiftakar li minn taħt l-għonnella, fil-knisja, żewġ għajnejn zoroq bħal baħar waqfu jħarsu lejħ għal ftit.

Dawk għajnejk iċ-ċelestini
Xebbaħthom il-baħar bnazzi
Jekk iddur id-dinja kollha
Ma ssibx ġuvni jħobbok daqsi!

Iżda kien għal ftit wisq li dawk il-għajnejn żoroq kienu ħarsu lejh. Kienet mistħija jew biża? Ma' nagħmlux li kellu l-xi ħadd irid joħodhielu? Biex aħjar ikun fiż-żgur ibegħdu.

Jekk xi ħadd jidhirlu jħares
Lejn wiċċek ħelu daqs fjur
Ah jekk naqbdu taħt idejja
Jiena ħaj ma' nħallieħx żgur.

It-tieqa tingħalaq kemm jista' jkun beżgħana.
Isfel jidħku, iwaddbu l-botti, ikomplu l-mixja tagħhom. Fil-misraħ, fit-taraġ tal-knisja, jieqfu, joqgħodu bil-qegħda.

Fost il-fattijiet li ġraw
F'din iċ-ċkejkna gżira tagħna
Meta t-torok kienu jiġu
Sabiex dawn joħduha magħna.

Ġara fatt illi fl-istejjer
Baqa' msemmi għal ħruxija
Għaliex fih insterqet xebba
U ġiè mxerred bosta dmija.

Il-ġrajja ta' l-imsejkna għarusa misruqa mit-torok fil-jum tat-tieġ jafha kullħadd u kullħadd jersaq jismagħha fuq il-kitarra. Il-Maltin iħobbu jisimgħu wkoli il-ġrajja tal-biża ta' Pia:

Kien hemm gwerra fit-Tuskana
Bejn Firenze u Siena t-tnejn
F'waħda kien il-Konti Nello
Fl-oħra Pier de Tolomei.

Nello qabel mar għal gwerra
F'idejn Ugo ħalla l-Pija
Billi dan kien ħabîb tiegħu
Fdalu l-martu u lit-tarbija.

Toni Bajada wkoll hu magħruf ħafna.

Ser infakkar il-memorja
Ta' min lil Malta għamel il-ġid
Li għada l-Knisja tbirku
Għalhekk infaħħru jiena irrid.

Kull min jisma sigur jibki
Kemm Maltin hawn kbar u żgħar
Li għal Malta ċarċar demmu
Toni Bajada min-Naxxar.

Dawn il-għana twal li minnhom ġibt xi bċejjeċ u li ta' sikwit il-kittieb tagħhom ma' iniżżilx ismu taħthom jew l-aktar jiffirmahom bl-iniziali tiegħu, jinsabu "fuq il-Monti" b'sold il-waħda. U nhar ta' Ħadd mir-rħula jinżlu jixtruhom ħafna żgħażagħ biex jatuhom lis-sbejħa tagħhom jew biex jitgħallmuhom jaqrawhom sillaba sillaba.

Iżda f'Malta l-poplu hu poeta. Kullħadd iqabbel sturnelli ta' erba' versi ottonari skond li skema a b c d: il-ħassiela, is-suldat, il-barklor, tal-ħalib, il-gabillott, tal-ħut, il-kuċċier, tal-bizzilla, is-seftura... mita s-sinjura ma tkunx id-dar. Ta' sikwit ġlieda bejn żewġ nisa tibda b'xi għanja, imma dejjem tispiċċa b'xi mod ħafna anqas poetiku.

Hija s-sbuħija tal-maħbuba jew tal-maħbub li tiġi mfaħħra:

Kemm jogħġbuni n-nies is-somor
Għax għandhom għajnejhom sbieħ
Dak ħanini wieħed minnhom
Kemm jiena ferħana bih.

jew l-imħabba li wieħed igħid:

Li kont taf kemm jien inħobbok
Kieku żżommni fuq idejk
Kun af li qalbi miksura
Kun af li ħajti f'idejk.

jew theddid:

Dik qalbi posta ta' l-ittri
F'moħħi għandi t-telegraf
Int Malta u jiena Salonka
'Ma' x'tagħmel jien inkun naf.

jew tgħajjir:

Għamluli l-piena u l-bandu
Li il-ħanini ma' nkelmux.
Kellimtu u aktar inkellmu
Swid ta' qalb ma' nagħmillux.

Lili għamlu din il-piena
Li għana aktar ma' ngħannix
Jiena għana għannejt u ngħanni
La persuni ma' nsemmix.

L-ewwel xita li tagħmel tiġi milqugħa b'ferħ kbir. Malta m'għandhiex xmajjar u l-ilma għall-egħlieqi u l-ħtieġa tagħha tistenniha mis-sħab kbar suwed li jiġu jgħattu s-sema tagħha. It-tfal jaqbdu id f'id u jagħmlu "dawra durella", jew qaqa, u jgħannu.

Agħmel agħmel xita agħmel
Ħalli jikber il-ħaxix,
Il-ħaxix intuh il-mogħża
U l-mogħża ttina l-ħalib.

Ara: ix-xita għandha tinżel biex jikber il-ħaxix li jintgħata lill-mogħża ħalli ttina l-ħalib; il-ħalib sħun u ta' togħma tajba, li skond it-tobba hu mimli mikrobi, imma li t-tfal maltin jixorbu ħafna b'għajnejhom imbexxqa bil-ferħ u li bih isiru qawwija u b'saħħithom.

Orqod, orqod, ibni, orqod,
Qalb il-ward u l-ġisimin
Dik ommok hija l-Madonna
Missierek Gesù Bambin.
Am am am âm am

Orqod, orqod, ibni, orqod,
Fuq l-imħadda tal-ħarir
Dik ommok hija l-Madonna
Missierek Gesù Bambin
Am am am am am

Il-ħuġbejn jinżlu fuq il-ħbub mitlufa. It-tarbija torqod...

Liema għanja iżjed ħelwa? Liema qalb ta' omm qatt sabet kliem isbaħ biex traqqad lill-bintha?

"Orqod ibni qalb il-ward u l-ġisimin, orqod fuq imħadda tal-ħarir: ommok hija l-Madonna, missierek hu Gesù Bambin..."

Ta' sikwit it-tarbija torqod f'dirgħajn niexfa ta' mara sfajra, l-għana joħroġ minn dar nadifa iżda fqajra. X'jimporta? L'omm toħlom għaliha l-isbaħ ward u l-iżjed l'ifuħ, l-imħadda tal-ħarir. Jew m'humiex dirgħajn l-omm l-iżjed imħadda ratba, l-imħabba ta' l-omm l-isbaħ fwieħa tal-ħajja? U fuqu jħarrsu bħala omm u missier mill-iżjed li jħobbu Gesù Bambin u l-Madonna.

F'Malta il-poplu għandu qalb li taf tħoss u tħobb, mixħuta għat-twemmin tiegħu, rasu iebsa u qalbieni u fl-għana tiegħu juri ruħu.

Sinjura amerikana li m'ħiliex hawn wisq u li marret toqgħod f'raħal darba qaltli:

—Dal-lejl, għal ħabta tat-tlieta, ġejt imqajma...

—Min-nemus?

—Lè. Minn għanja mill-iżjed ħelwa u ta' qsim il-qalb. Xrift fit-tieqa, kienu xi erba' jew ħames żgħażagħ bil-kitarra. Smajt ħafna għannejja tajjba f'ħajti, iżda fl-ebda wieħed ma' sibt dak is-sentiment hekk bnin, dik il-ħlewwa hekk minnha bħal dak l-għannej fqajjar ta' dik il-lejla.

Maria Elena Calabritto

# IN-NASSABA

Ġie żmien li kont nersaq fuq xi mansab, għax kollox tajjeb tkun taf fid-dinja. Kemm ibakkar, kemm jitbigħed, kemm għodda jkarkar, kemm ftietaq jinħtieġ, kemm sabar irabbi, is-sajjied seww tal-ħut, kemm tal-għasafar! Ikun għadu bil-kemm kiser id-dlam tal-lejl mita bil-lasti, bil-għażel u bil-ħbula, mgeżwra bir-reqqa kollha, fuq kitfejh u bil-gabjetti u il-gabbjun ġo' xkora wara daħru, in-nassab iħalli daru biex isib ruħu fuq il-mansab qabel jisbaħ.

Il-mansab trid trawwmu u ż-żommu nadif għal żmien qabel, għax ma tmurx tonsob fejn ġieb u laħaq. Trid wesgħa ġmielha, fuq xi quċċata, bogħod mit-triq il-wiesgħa, bi ftit ħdura ma' dwarha, u li taf li tkun qegħda fuq ir-riħ mnejn tgħaddi, fi żmienha, il-passa, għax, ħaġa tal-għaġeb, dejjem triq waħda taqbad il-għasafar mita tgħaddi minn art għall-oħra.

Malli jasal fejn ried, in-nassab iħott il-lasti u il-ħbula u jifrex iż-żewġt ixbiek, twal u dojjoq, mil-lewn il-ħamrija, għax miżbugħa biz-zappin jew bl-ilma ta' l-imgħolli tal-qxur tar-rummien.

Jorbot tajjeb iż-żewġ kalamenti, ta' barra u ta' ġewwa, u l-ventijiet ta' quddiem u ta' wara, u jsammar qawwi fejn għandu jżomm sôd, biex fil-ġbid ma jiġux nieqsa. It-tebqat tax-xbiek jiġu marbuta mit-tarf ta' barra maż-żewġ frigħi tal-ħabel, imsejjaħ is-salib, li fin-nofs jintrabtu mal-ħabel tal-ġibda li jasal sa id in-nassab maħdum katina biex jinqabad aħjar. Mita in-nassab irid jaqleb, ma għandux ħlief igħolli idu u jagħti ġibda qawwija; it-tebqat tax-xbiek dlonk iqumu weqfin u jinqalbu flimkien għan-nofs biex igħattu dak li jsibu bejniethom.

In-nassab imrekked fuq il-maqgħad, ikun mistur fid-dura mibnija bis-sejjieħ, ftit passi il-bogħod mill-mansab.

Qabel jidħol fid-dura, jaħseb kif iħajjar il-għasafar jinżlu fejn iridhom billi jifrex ma' dwaru il-gabjetti bil-għasafar li ġieb miegħu. Jekk tkun riesqa x-xitwa, l-insib jintrama' għal tal-għana, vrieden, spunsuni, ġojjini; u l-aħjar mara li tinsab tintrama fil-ġoga.

Dil-ġoga, għasluġ jitħarrek fuq pern, marbut b'lenza li tasal sa idejn in-nassab. Fuqha jorbot minn siequ, b'sifja, il-għasfur biex jidher lil sħabu li għandhom igħaddu fl-ajru biex iħajjarhom jinżlu. Dan il-għasfur marbut jissejjaħ *tat-taħrika* għax kull tant ikollu jitħarrek. Mita jħoss xi għasafar fil-qorob in-nassab jiġbed il-lenza tal-ġoga u jgħolli l-għasfur biex iġgħalu jittajjar u juri ruħu. Ma nafx il-lum għadux hekk, imma dari mita fil-ġoga jintrama' pespus mhux minn siequ kien jintrabat mal-għasluġ iżda minn xfar għajnejh. Ara fiex twasslek in-namra tas-sajd! Żewġ rixiet minn ġwienħajh stess

jintrabtu ma' xulxin biex jilħqu fit-tul, iż-żewġt itruf jitgħaddew minn għajnejh u mbagħad jiddaħħlu fi mnifsejh; minn hemm ir-rixiet jintrabtu mal-ġoga. Mal-ġibda, li msejken ta' għasfur jittajjar il-fuq u jferfer ftit sa ma jarġa' jaqa' fuq il-għasluġ. Ħażin jew tajjeb kollox lest għan-nasba. Ħemda kbira ma' dwar il-mansab... Alla jħares xi ħadd jitħarrek jew jitniffes għax in-nassab jisber u ma jaħfirha lil ħadd.

Il-għasafar tal-gabjetti jpespsu jew iqabblu xi għanja u iż-żmien għaddej... Oqgħod għax ġej xi ħaġa!... Tpespis fl-ajru, iva hemm qatgħa għasafar il-bogħod... Ġibda lit-taħrika, il-qatgħa kisret għal fuq il-mansab, resqin, niżlu... In-nassab ma' jitlifx żmien, jiġbed minnufih u ix-xbiek jinħataf, u jinqaleb jgħatti lil min isib bejn iż-żewġ tebqat.

Ġirja waħda għal fuq il-mansab biex jaqbad kull ma daħal, qabel teħles xi ras. Jekk il-qabda kienet tal-għana aqbad u ixħet fil-gabbjun, jekk il-qabda kienet psiepes, bekkafiki, alwett, oqtol u itfa' fl-ixkora.

In-nassab ser itir bil-ferħ, imma dak li jkun iħares minġħajr in-namra tas-sajd iħoss qalbu tingħafas, filli jara qatgħa għasafar ħienja tittajar fil-beraħ u filli jarahom rassa waħda ġo gabbjun rsira għal għomorhom, jew kobba rix fl-ixkora qabda laħam bla ruħ. Hekk sejra d-dinja.

Dil ħolma ta' ħamsin sena ilu ġiet quddiem għajnejja il-bieraħtlula mita, bil-qegħda fil-ġnien, lmaħt brimba daqs ġellewza tielgħa u nieżla bejn iż-żkuk ta' siġra tar-rummien tinseġ il-għanqbuta tagħha biex ma' tul il-lejl tixxeblek xi duda li bla ħsieb ta' xejn taħsel tgħaddi minn hemm fid-dlam. Moħħha f'żaqqha biss din il-brimba nassaba, bla ħsieb ta' xejn, fuq il-ħsara li għandha iġġib fuq dik id-duda li fl-aħjar ta' ħajjitha issib ruħha f'idejn għadu bla ħniena.

Moħħi mar ukoll fid-dehen kbir li għandha f'ġisem hekk ċkejken dil-brimba li biex tiekol toħloq dax-xogħol kollu, tagħżel, biex ngħid hekk, il-ħajt li tinħtieġ, biċċa oħxon, biċċa rqiq, tinsġhu f'xibka mill-isbaħ u mill-aqwa, u mbagħad, b'sabar tal-għaġeb u ħafna drabi bil ġuħ, tistenna li jiġi min jitmagħha għax hi ma għandhiex ħila toħroġ tfittex x'tiekol!

Il-ħajt għall-insiġ isir waqt ix-xogħol. Ma' żaqqha il-brimba għandha maħżun bħal tgħalliq jew zaftur artab li mita b'saqajha ta' wara tiġbed naqra minnu il-qarsa tgħallieq issir ħajta li bil-ġbid titwal aktar u teħxien jew tirqaq kemm id-duda tħoss li jinħtieġ.

Il-brimba tibda biex titla' fil-għoli twaħħal kemm kemm mit-tgħallieq tagħha ma' tarf ta' werqa jew ta' zokk u tintelaq jew kif imissna ngħidu titgħallaq għal isfel. Issir il-ħajta li bit-toqol ta' ġisimha u bix-xogħol ta' saqajha ta' wara titwal sa ma' tasal fejn trid. Hawn twaħħal il-ħajta ma' xi mkien

ieħor u mal-ħajta li niżlet biha taqbad tielgħa il-fuq u tagħżel ħajta oħra fl-istess ħin. Hekk bit-tlugħ u l-inżul u bil-mixi l'hawn u l'hinn taħdem bħal stilla tinsiġ wasa' jew dejjaq kif trid hi.

Dal-ħajt tal-għanqbut irqiq aktar minn xagħra tar-ras hu sewwa bħax-xgħar, mitluq ukoll. Ħaġa tal-għaġeb, għad li dal-ħajt jeħel ma' kull ma jmiss miegħu, ma' saqajn il-brimba ma jeħelx għax lilha narawha tielgħa u nieżla miegħu, donnu jiżloq taħtha; u hekk ikun ukoll għax saqajha jarmu bħal xaħam biex jiżolqu fuq il-ħajt, bla ma jeħlu. Mela kollox għandha magħha il-brimba biex tarma mansab mill-aħjar. Malli tlesti il-għanqbuta x'tagħmel aktar ma' għandhiex, il-brimba, ħlief tistenna li xi ħadd jitgerfex fix-xbiek li nisġet. Bil-qajla tintasab fin-nofs jew titrekken f'roknitha u minn hemm ma titħarrikx qabel ma' jiġi xi sejjħilha. Il-qabda taraha, ix-xommha, jew tismagħha? Xejn minn dan, il-qabda tħossha. Rieqda jew mqajma,il-brimba iżżomm f'idha tarf tal-għanqbuta u malli xi ħaġa teħel fix-xibka, tħoss ir-rogħda tal-ħajt, toħroġ bħal berqa u tasal tara min weħel! Jekk issib werqa, traba, ħaxixa, u ħaġ'oħra li ma tgħoddx għaliha tfarfarha il-barra u tarġa' għal roqnitha u taqbad mill-ġdid il-mitlaq f'idha bħal sajjed il-ħut.

Jeħel farfett, duda, ġrat, baħrija, l-ewwel ma' tagħmel il-brimba tara li din ma' teħlisx. Min jeħel iżomm, għax il-ħajt jeħel miegħu; imma dan m'hux biż-żejjed għax it-toqol jista' jqatta' l-għanqbuta. Mela l-brimba tibda ddur b'ħeffa tal-għaġeb ma' dwar dak li weħel u b'saqajha ta' wara toħloq il-ħajt u id-dawru mad-duda sa ma tinseġ ma' dwarha tila ħoxna, bħal kefen, li fih id-duda l-anqas tkun tista' titħarrek. Kbira kemm tkun kbira d-duda ssir biċċa waħda u l-brimba ma għandhiex ħlief twaħħal ħajta magħha u tkarkara bla għaġla xejn lejn roknitha. Hemm tara kif taqbad issaffiha. Toqtolha lè; għax il-brimba ma' tomgħodx, tardagħ biss, u jekk id-duda tmut il-meraq tagħha jagħqad u hi tibbies u x'tarda ma jibqax.

Għalhekk mita l-brimba twassal dak li qabdet f'roknitha, b'nigża li tatiha tgħaxxiha hekk li ma titħarrikx aktar, imma iżżommha ħajja. Tardha minnha li tinħtieġ u terħilha għal mita jarġa' jeħodha l-ġuħ. Duda żgħira is-soffa f'darba jew ma tul il-jum; jekk tkun kbira għandha minnha jumejn tlieta jew aktar. Mita l-meraq jinxef, il-brimba taħseb kif teħles minnha. Tkarkarha f'tarf il-għanqbuta, terħiha mdendla ma' ħajta u malli din tinqatgħa taqa' barra bħal żrara. Wara dax-xogħol kollu, ma għandhiex ħlief tarma għal nasba oħra; is-sewwi x-xbiek jew, jekk jinħtieġ, is-sawwar ieħor.

Mita taħseb li nitfa ta' brimba, b'rasha daqs lewla, taf dan kollu ma tistagħġibx aktar bin-nassaba tagħna li jħabblu

moħħom biex jaqbdu gardell. Din id-duda daqs ġellewża, bla għażel, bla gabjetti, bla ġoga, xahar wara l-ieħor, fil-bard, fil-ksieħ, fir-riħ, fix-xita, fix-xemx taqli, fl-aħtrieq, tonsob dejjem u tikser x'tiekol dejjem. F'żogħritha, min ħalaqha taha id-dehen li tinħtieġ. Imbierek il-Mulej li qalilna: "Araw iż-żniebaq tar-raba kif jikbru: u la jaħdmu u la jagħżlu".

T. Z.

19.3.31.

# L-AĦĦAR LEJLA

—Għalxejn?

—Għalxejn!

Żewġ ilħna mitfija u mregħda bil-kemm kienu jinstegħmu f'dik il-lejla siekta u mudlama; bil-kemm kienu jidhru żewġ igsma mixħuta fuq blata, f'telqa ta' swied il-qalb.

—Jien ma rridx inlum lilek, imma lili n-nifsi, lill-bluhiti, lill-ġenni. Għax jien kien imissni ninduna li dik li għalija kienet imħabba safja, imħabba bla tmiem, għalik kienet daqxejn ta' kapriċċ li jgħaddi f'leħħa ta' berqa, daqxejn ta' duħħan li l-ewwel riħ li jagħmel itajjar quddiemu, daqsxejn ta' sħaba li tisfa fix-xejn; għalik kienet dik li intom li triduha tal-*bon-ton* tgħidulha *flirt*. Lê, lê, mhux billi xxengel rasek, mhux billi tgħid lê b'rasek...Billi tiċħad ma' tieħu xejn, l-anqas m'inti sejra ttaffili xi ftit mill-qtiegħ il-qalb li għandi fuqi... Xbajt? xbajt! u saħħa!... Għidli hekk u spiċċa... Għalfejn ħafna temtim, għalfejn ħafna tlaqlieq, biex tissokta ttawwal l-agunija ta' qalbi, biex tissokta tisqini sa l-aħħar qatra mrar li qatt ġarrbet qalb ta' bniedem?... Diġa' għidtulek, jien lilek ma nlumekx, inlum lili n-nifsi, lill-bluhiti, lill-ġenni. Għax kien imissni nagħraf li jien u int ma stajniex naqblu bejnietna, kien imissni ninduna li int kont mitfugħa wisq għal frugħa biex tkun tista tkun il-mara tal-ħsieb tiegħi, il-mara tal-ħolm tiegħi... Imma l-bniedem mita jkun irid ħaġa, mita jkun jixtieq ħaġa b'qalbu kollha, ifittex li jqarraq bih in-nifsu, ifittex li jdaħħal it-tama f'kollox... u hekk għamilt jiena!... Jiena ħsibt, ridt naħseb, li mita inti tarani li jien fi ħsiebi m'għandix ħlief lilek, titbiddel xi ftit, issir xi ftit bħali... Jien ħsibt...

—Imma x'għamiltlek jiena?!

—X'għamiltli?... x'għamiltli?!... xejn kbir, imma ħafna ħwejjeġ żgħar li lkoll flimkien jagħmlu ħafna, ħafna ħwejjeġ

żgħar li għalik m'huma xejn u li għalija— li naf inħobb—humà ħafna. Issa sfin, issa "The Dansant", issa ħaġa, issa oħra...

—Imma s-società...

—U ħallini mis-società... x'qatt tatek, x'qatt taħseb, li sejra ttik is-società ħlief dwejjaq u mrar? Għall-anqas dan li tât lili... tassew li jien u int-ma tantx nakblu, li dak li jien nara abjad, int tarah iswed... Oh! kieku int sirt ftit kif kont nixtieqek jiena, x'ħajja, x'ħajja, konna ngħaddu flimkien!

Bħal nifs qawwi, bħal ilfieqa, instama fis-skiet tal-lejla mudlama qalb it-tħaxwix tal-mewġ għajjien jitniegħed qalb il-blat għeri. Il-kwiekeb li kienu jitregħdu fis-sema, bħal ħafna għajnejn xewqana li jitkixxfu kull ma kien q'ed isir f'artna, kienu jidhru mijiet, eluf, fuq il-mewġ tal-baħar, bħal ħafna msiebaħ il-lejl mitlufa fl-imħabba. Fil-bogħod, ta' kull tant kien jinstama jidwi l-ħoss ta' xi ħorn u bħal sriep tad-dawl kienu jidhru jaqsmu d-dalma tal-lejla.

—X'għamiltli?... Ħaġa żgħira. Mewwittli qalbi, mewwittli ruħi. Jien li kont għadni kemm bdejt induq il-ħlewwa tal-ħajja u bdejt nara quddiemi kollox sabiħ, kollox mimli hena, illum inħossni xiħ, inħossni ħaġa mejta mitlufa qalb il-mewġ tal-ħajja. Kieku taf, kieku taf, Ivonne, kif kont dawwartek b'imħabbti, kif kont għollejtek fuq artal ta' qima, kieku taf, kieku taf, kif kont imlejtli qalbi, kif kont irbaħtli ruħi, kieku żgur li qatt ma' kont tagħmel l-anqas ħaġa li setgħet tkunli ta' qsim il-qalb, li setgħet tifridna għal dejjem

—Għal dejjem?

—Iva, għal dejjem!... Ma jistax ikun li jien nibqa' nġarrab dan kollu. Inti għandek is-società, għandek il-ħbiebek...Malajr tinsa!... Jien ma' kellix ħlief lilek, ma' ridtx ħlief lilek, imma ridtek kollok kemm int, sa l-anqas ħsieb tiegħek, sa l-iċken rokna ta' qalbek. Jien qalbi, jien ħsiebi, kienu dejjem fik. Kieku taf, Ivonne, kemm kont ħlomtha sabiħa l-ħajja tagħna, kemm kont rajtha mimlija ward!...X'ħerba ġibt, Ivonne, b'għamilek, fil-ħolm tiegħi... Jien q'ed tgħaġġibni, Ivonne, bil-kalma, bil-bruda tiegħek. L-anqas issa li wasalna biex ninfirdu, m'inti tħoss xi ħaġa?

L-ebda tweġiba ma' nstegħmet fis-sikta tal-lejla mudlama. Il-bogħod, il-bogħod, biċċa qamar mitfi bdiet tixref mix-xefaq sewdieni; il-fuq, il-kwiekeb bdew jidhru jirtgħodu, donnhom bi qsim il-qalb; il-mewġ għajjien beda jitla' jħaxwex qalb il-blat għeri u jerġa' lura.

—Ivonne, jien sejjer!

—Iva?!

—Nixtieqlek li ssib bniedem li jkun jixtieq jagħmlek ħienja daqs kemm xtaqt nagħmlek jiena... Saħħa!

—Saħħa!

Ġużè Bonnici

# GHODWA TA' DIĊEMBRU

Diċembru. Xita irqiqa rqiqa, riħ ivenven u jingħaj bejn il-frigħi bħal xi ruħ mitlufa. Ħemda liema bħalha, fit-triqat xi mara, mkeffna fl-għonnella tgħaddi tgħaġġel ħalli tilħaq il-quddiesa. Tgħaddi tgħaġġel u taħseb fil-kenna tal-knisja fejn il-bard jitgħakkes bis-sħana tax-xema, bir-riħa tal-inċens. Tgħaddi tgħaġġel u taħseb fil-Madonna sabiħa u ħienja, imrekkna fin-niċċa, b'idejha miftuħa, tistieden it-talb u ttaffi kull dwejjaq. Tgħaddi tgħaġġel u tħossha qgħed tisħon.

* * *

Fil-Barrakka ta' Fuq il-bard jinħass iżjed. Il-ġennien mil-kmajra tiegħu jħares lejn is-sema mgħotti bi sħab iswed u jħossu jitrejjaq bil-ħsieb li l-ħin tal-għassa jintemm fit-tmienja u mbagħad erħilu għad-dwejra ħalli jistrieħ. Ma sa dat-tant x'bard! Iħossu jidħol ġol-għadam.

Fil-gallarija anqas ruħ. Trid tkun miġnun biex tasal sa hemmekk f'jum bħal dan. Imma jidħlu żewġ Indjani u erħilhom dritt għall-hemm. Kull fil-għodu x'ħin titla' x-xemx issibhom il-Barrakka iħarsu l-bogħod il-bogħod u jitolbu. Ħanuthom ġo Sda. Rjali qalb l-agħa tan-nies. B'wiċċ jitbissem ibigħu tifkiriet tal-Indja li jinħadmu l-Ġermanja. U n-nies tixtri u toħroġ u qatt ma taħseb x'hemm moħbi f'qalbhom.

Imma kull fil-għodu kull min jitla' kmieni l-Barrakka ta' Fuq isibhom hemm jitolbu, dejjem jitolbu. Fuq wiċċhom ma tidhirx it-tbissima imma b'ħarsa miksura jħarsu lejn ix-xemx donnhom mitlufa f'xi dehra....

Il-lum ix-xemx ma tidhirx. Is-sema mgħotti.... Imma l-Indjani ma naqsux. Ġew bħas-soltu u bħas-soltu qgħed iħarsu l-bogħod il-bogħod minn fejn titla' x-xemx. Biss il-ħarsa tidher iktar miksura u lwien wiċċhom jidher iktar isfar. Bil-kemm iċakalku xofftejhom. Xi ħsieb tqil donnu jagħfas fuqhom.

Qgħed jaħsbu, tgħid, fl-Indja mbegħeda fejn ix-xemx ma tehda qatt; fejn l-imqades ta' ġenshom jinsabu mfawwra bin-nies bħal dal-ħin?

Jew qghed jaħsbu f'nishom li huma ħallew ħalli jistgħu jaqalgħu l-ħobż?

Wieħed mill-Indjani għadu żagħżugħ. Xofftejh ma jitħarrkux imma għajnejh qgħed idemmgħu. Liema dieqa qgħed taħ-

kem fuqu? Il-ħsieb ta' xi tfajla sabiħa li ħalla warajh? Jew iħossha bi tqila li kellu jħalli art twelidu ħa jmur igħix qalb ġens barrani?

Liema dieqa fuq kull wiċċ wieħed minnhom. Kemm tiħtiġilhom ix-xemx ħalli ssaħħan lil qlubhom u tħennihom xi ftit.

* * *

Ix-xita għada nieżla, ir-riħ ma sikitx. L-Indjani jħallu l-Barrakka u jitilqu għax-xogħol. Ebda kelma. Ilkoll iħarsu lejn mara bl-għonnella ħierġa minn knisja u sejra tgħaġġel għad-dar. Fuq wiċċha hemm id-daħka tal-hena.

L-Indjani jħarsu u jitniehdu.

Ros. Briffa.

# VANITAS VANITATUM!....

Rajt warda mxebilka
Fost ħafna xitliet;
Fuq fommha, bħal ġawhar,
Tan-nida l-qatriet!

Għaddejt minn hemm l-għada,
Nitgħaxxaq stennejt
Bil-fwieħa tal-warda,
'Ma' kemm inkeddejt,

Ħassejt qalbi teħla,
Il-fuq ħsiebi tar;
Lejn Alla ħallieqna
Tkebbist dlonk bin-nar!

Għax rajtha mixħuta
Midbiela mal art,
Mirfusa, bla sura,
W ħarsti dawwart!

Fid-dinja, għidt f'qalbi,
Ma' hawnx ħlief frugħat,
X'int iblaħ, ja bniedem,
Li tgħix bil-bluhat!

Dun P. P. Grima.

# ŻEWĠ KONKORSI

Nerġgħu nfakkru fiż-żewġ konkorsi li għamilna fir-raba' għadd tal-ktejjeb tagħna; wieħed għal novella u ieħor għal poeżija. Tant in-novella kemm ukoll il-poeżija jridu jkunu oriġinali u għadhom ma' ġewx stampati. Bħala premjijiet jintgħataw ġabra żgħira ta' kotba lill-ewwel, lit-tieni u lit-tielet, u dawc li jiktbu tajjeb iżda ma jieħdux xi premju jiġu msemmija b'tifħir.

Nixtiequ nwissu li aħna niftħu biss l-envelopsijiet ta' dawk li jieħdu l-premju; tal-oħrajn naħarquhom.

*Kullħadd* jista' jieħu sehem f'dawn iż-żewġ konkorsi. Żmien hemm sal-*31 ta' Awwissu.*

**ABBONAMENT**

**6d. kull sitt xhur**
**1s. kull sena**
**Kopja wahda sold**
**Ghal barra minn Malta id-doppju.**